**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 15/07 - 26 ta' Frar 2014 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | *5.55pm* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skuzat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Aġġudikar ta' Tenders
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa **nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2014 fil-5.30pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

iii Il-Minuti tal-Laqgħa **nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 fil-5.30pm, 2014 fil-5.30pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

iv Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Rigward id-diskrepanzi fil-prezzijiet minn dawk ikkwotati fit-tenders tal-kuntratti preċedenti tal-iskips u tal-konkos, is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 6 ta' Marzu 2014 hija ppjanata li ssir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill flimkien mal-Avukat u l-Kuntrattur in kwistjoni sabiex jiġi diskuss dan il-każ. *Diskrepanzi fil-prezzijiet – skips u konkos*

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li b'mod verbali kkonferma mas-Sur Steve Xuereb li l-Kunsill qabel li huwa jibda b'mod regolari jagħmel spezzjoni fuq il-pannelli kollha li għandu l-Kunsill f'diversi postijiet. *Meters għall-pannelli*

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Mural fi Triq Palma k/m Triq Tamal issa huwa lest . *Mural ma' Ħajt – Triq Palma*

iv Rigward it-tender tad-dawl, il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li bħala Reġjun ser tintbgħat ittra bil-proposti lill-Kunsilli fi ħdan l-istess Reġjun *Tender tad-dawl*

v Is-Seg. Eżek. spjega li rċevejna stima ta' major patching fi Triq Santa Marija fil-parti bejn Triq B'Buġia u k/m Vjal Simmons. Din l-istima tlaħħaq is-somma ta' €17335.70. Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li saret laqgħa fuq il-post li għaliha kien preżenti hu flimkien mas-Sindku kif ukoll il-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur Jimmy Vella. Is-Seg. Eżek qal li l-Kuntrattur kien avżat li jrid jimxi mal-istima li ġiet ikkonfermata mill-Perit u każ li jkun hemm xi tibdil irid jikkordina u jinforma mill-ewwel lill-Perit tal-Kunsill. *Major patching- triq Santa Marija*

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol ta' major patching skond l-istima vverifikata mill-Perit tal-Kunsill.

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti) **SKEDA**

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia talab sabiex f'kull laqgħa mal-Iskeda ta' Pagamenti jkunu ppreżentati wkoll l-fatturi kollha flimkien mal-purchase orders.

iii Il-Kunsillier Frans Agius rrimarka li kif kien maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti, suppost l-Iskeda ta' Pagamenti kellha tintbgħat flimkien mal-Agenda u mhux tingħata lilhom waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

iv Kemm il-Viċi Sindku u kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Frans Agius talbu lis-Seg. Eżek. jagħtihom

aktar dettalji fuq xi fatturi. Is-Seg. Eżek. ippropona sabiex l-iskeda tgħaddi kif inhi imbagħad l-għada filgħodu tintbgħat email lill-Kunsillieri kollha bid-dokumenti mitluba.

v Il-Viċi Sindku ddikjara li hu mhux ser jiffirma l-Iskeda tal-Pagamenti.

vi Il-Kunsillier Frans Agius ppropona li din l-Iskeda tiġi sospiża, imbagħad ladarba l-kunsillieri jirċievu d-dokumenti mitluba, issir laqgħa oħra bi tkomplija sabiex tiġi ffirmata l-Iskeda Nru 12/07 u l-pagamenti jiġu pproċessati.

vii Il-Kunsill qabel unanimament li din il-laqgħa ssir l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2014.

viii Is-Seg. Eżek. ppreżenta r-rendikont tal-aħħar kwart tas-sena hekk kif ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Quarterly Report No4

Il-Kunsill qabel unanimament u dan ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżek.

## 4 Aġġudikar ta' Tenders

*Public Convenience – TLC 001/2013* *Public Convenience*

i Is-Seg. Eżek. ippreżenta fuq il-mejda tabella 'A' bid-dettalji tal-offerti mitfugħa. Dan id-dokument, qed jiġi mehmuż mal-Minuti.

i.i Inxtraw 17-il offerta, intefgħu biss 14 sal-ħin u d-data tal-għeluq.

Is-Sindku s-Sur Joseph Abela ssuġġerixxa u l-Kunsillier is-Sur Frans Agius issekonda li :-

a) Is-Sinjura HELEN MERCIECA tiġi mogħtija t-Tender Nru TLC 001/2013 The Cleaning, Opening & Closing of Public Convenience peress li kellha l-irħas offerta;
b) Is-Sinjorina Annalise Farrugia, li hija l-kuntrattur attwali, tibqa topera sa' l-aħħar ta' Marzu 2014;
c) Is-Sinjura Helen Mercieca bħala l-Kuntrattur il-ġdid tibda topera mill-1 t'April 2014.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii *Ġbir ta' Skart Domestiku – TLC 002/2014* *Ġbir ta' Skart Domestiku*

ii.i Is-Seg. Eżek. ippreżenta fuq il-mejda tabella 'B' bid-dettalji tal-offerti mitfugħa. Dan id-dokument, qed jiġi mehmuż mal-Minuti.

ii.ii Inxtraw 5 offerti, intefgħu l-5 sal-ħin u d-data tal-għeluq.

ii.iii Is-Seg. Eżek. spjega li din it-tender trid tiġi evalwata abbażi tal-*"M.E.A.T. Most Economical & Advantageous Tender"*. Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li din it-tender hija maqsuma fuq żewġ partijiet waħda hija dik teknika bi kriterji sa massimu ta' 60 punt u l-parti l-oħra finanzjarja bi kriterji sa massimu ta' 40 punt. Ġiet ippreżentata Tabella 'C' bid-dettalji kif spjegati. Dan id-dokument, qed jiġi mehmuż mal-Minuti.

ii.iv Is-Seg. Eżek. ta spjegazzjoni fid-dettal dwar l-informazzjoni kollha indikata fuq dawn iż-żewġ tabelli.

ii.v Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia talab lis-Seg. Eżek. jekk il-Prekarjat ittieħedx in konsiderazzjoni. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li l-ħames offerenti kollha iffirmaw il-Formola Obbligatorja relatata mal-Prekarjat.

ii.vi Il-Viċi Sindku staqsa jekk, hekk kif mitlub, l-offerenti kollha ssottomettewx żewġ envelopes issiġillati wieħed bid-dokumenti oriġinali u l-ieħor bil-kopji. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li kollha

minbarra offerent wieħed għamlu dan. Infatti din tniżżlet bħala rimarka fid-dokument Tabella 'B'.

ii.vii Il-Viċi Sindku staqsa jekk l-offerenti kollha ppreżentawx ċertifikat mill-ETC dwar l-impjegati tagħhom. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li kollha ppreżentaw dan iċ-ċertifikat.

ii.viii Il-Viċi Sindku staqsa jekk fit-tender li ħareġ il-Kunsill kienx hemm klawsola li tindika li min japplika jrid ikollu ħames snin esperjenza. Is-Seg. Eżek. spjega li din dwar l-esperjenza m'għadiex tintalab għal fatt li llum l-ġurnata kulħadd għandu dritt japplika. Huwa kompla jgħid li lanqas il-Gvern m'għadu jitlobha fis-sejħiet għall-offerti li joħroġ.

ii.ix Il-Kunsill qabel unanimament li :-

a) Il-Kuntrattur WASTE COLLECTION LTD jiġi mogħti Tender Nru. TLC002/2013 Ġbir ta' Skart Domestiku peress li kellu l-iktar punti fuq din it-Tender ;
b) Il-kuntrattur Salvu Mifsud, li huwa l-kuntrattur attwali, jibqa jopera sa' l-aħħar ta' Marzu 2014;
c) Il-Kuntrattur WASTE COLLECTION LTD bħala l-Kuntrattur il-ġdid jibda jopera mill-1 t'April 2014.

x <u>*Supply & Delivery of Cold Asphalt Bags – TLC 003/2014*</u>

i Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li nxtara dokument 1 biss pero ma ntefgħu xejn sal-ħin u d-data tal-għeluq. Huwa kompla jispjega li wara kuntatt mal-uniku kuntrattur li xtara tender, dan il-kuntrattur spjegalu li tender ma ntefatx intenzjonalment għall fatt li huma ma jistgħux jintrabtu bi prezz fiss għal 4 snin peress li tender ħarġet għal 4 snin.

ii Sadanittant il-Kunsill qabel li s-Seg. Eżek. jitlob linji gwida mid-Dipt. Gvern Lokali sabiex din is-sejħa għall-offerta toħroġ għal sena biss. Ladarba d-Dipt. japprova, il-Kunsill jaqbel li nipproċedu bil-ħruġ tal-offerta għal perjodu ta' sena waħda biss.

## 5 <u>Rapport tal-Kunsillieri</u>

*Rapport mil-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li dwar l-ORATORJU, il-kwotazzjoni li nġiebet għall-istampar jidher li hija għola minn dak mistenni. Il-Kunsillier is-Sur Frans Aguis ippropona biex il-Kunsill japprova li jħallas €1500 minflokk €1000. Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia ssekonda, u l-Kunsill qabel li jħallas €1500. ORATORJU

ii Is-Sur Agius qal li din is-sena d-Dipartiment tal-Edukazzjoni għażel lilu bħala rappreżentant tal-Kunsill biex ikun il-President tal-Kunsill Skolasitku tal-iSkola San Thomas Moore. President Kunsill Skolastiku

iii Is-Sur Agius talab il-Kunsill japprova li għal darb'oħra jerġa jiftaħ il-konkors letterarju. Is-Sur Agius ser jieħu ħsieb jibda l-proċedura. Konkors letterarju

Il-Kunsill qabel li jsir il-konkors letterarju.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin qal li fil-15 ta' Frar kien hemm il-launch tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Għal din il-launch attendiet miegħu ukoll is-Sna Millicent Xerri. Is-Sur Darmanin qal li fil-launch ġie mħabbar li ser jittella' proġett fejn ser jintgħażlu l-aqwa 10 Kunsilli fejn ir-rebbiegħ imbagħad irid jħallas is-somma ta' €3000. Saret diskussjoni dwar dan il-ħlas. Is-Seg. Eżek. bi qbil mal-Kunsill ser jerġa jevalwa l-kuntratt u jirraporta f'laqgħa oħra skond il-bżonn. **Kunsill Lokali ta' Żgħażagħ**

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li ġiet avviċinata mill-Iskola Immaculate Conception biex 10 anzjani jattendu għal-lezzjoni fejn l-istudenti ser jippreparaw ikel tajjeb għas-saħħa. Id-Data proposta hija s-26 ta' Marzu.

ii Hija qalet ukoll li l-Buffett Breakfast ġewwa l-Lukanda Vivaldi tal-20 ta' Frar 2014, kellha attendenza tajba ħafna u niesħadu ħafna pjaċir.

iii Is-Sinj. Vella qalet li għandha attivita' oħra ppjanata nhar il-Ħamis 6 ta' Marzu ġewwa sala ta' Dar Nazareth. Il-biljett ikun għal prezz ta' €1.00.

Iv Is-Sinj. Vella qalet li ser torganizza ħarġa għax-xahar ta' Marzu fid-Danish Village.

5 **Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku nforma l-Kunsill li Dejma Road ġiet approvata 'one way' fil-parti bejn il-Mincott u WJA. Dejma Rd one way

ii Is-Sindku qara żewġ emails mibgħuta lilna mill-Kunsill Lokali Fgura :-

a)Biex jitwaħħlu żewġ tabelli fi Triq San Tumas k/m Dejma Road fil-parti fejn il-FALCAR. Il-Kunsill qabel li dan isir ladarba l-Kunsill Lokali Fgura għandu l-awtorizazzjoni minn TM.

b) biex issir roundabout minn Triq Dejma Ħal Taxien sa Triq il-Karmnu l-Fgura. Dan il-proġett huwa propost minn TM. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

iii Is-Sindku qal li l-Kunsill waslet talba biex Triq l-Annunzjata k/m Triq Paola tinbidel minnkif inhi bħalissa jiġifieri minn Triq Paola tidħol għall-Annunzjata u mhux kif inhi bħalissa li toħroġ. Din it-talba trid issir abbażi tad-diversi inċidenti li jsiru. Il-Kunsill qabel li nitolbu lit-TM sabiex jikkunsidraw dan it-tibdil.

iv Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill xi tibdil fl-ismijiet ta' xi toroq. Dawn huma:- UIF

- Pjazza off Triq Santa Tereża tinbidel fi Pjazzetta Dun Ġużepp Thewma
- Sqaq Brittaniku Nru 1 jinbidel fi Trejqet Brittaniku
- Sqaq Brittaniku Nru 2 jinbidel fi Trejqet Karl Chircop
- Sqaq Brittaniku Nru 3 jibqa kif inhu imsemmi għal Trejqet Jimmy Farrugia
- Triq is-Sorijiet l-aħħar parti li tkopri minn Triq Xintill sa Triq il-Vittmi tal-Gwerra tiġi Triq Duminku Mintoff

Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti. Ser issir it-talba uffiċċjali lil-Awtorita' konċernata.

v Is-Sindku ssuġġerixxa li nniedu kampanja "Ħal Tarxien Tiegħi u Tiegħek Inżommuħ Nadif". Dawn ikunu tabelli li jitwaħħlu fuq konki tipo ta' billboards żgħar u puliti biex inżommu l-indafa etc. Is-Sindku sadanittant għandu jġib stima u jressaqa quddiem il-Kunsill. Proġett ta' parkeġġ war blokki ta' Luqa road

Il-Kunsill qabel li jsiru ladarba l-kwotazzjoni tkun raġonevoli.

vi Is-Sindku ssuġġerixxa li fid-daħla tar-raħal isiru 2 tabelli kbar b'żewġ mappep li waħda turi l-Ħal Tarxien minn fuq b'indikazzjoni tal-postijiet storiċi u l-board l-oħra ssir mappa b'indikazzjoni ta' fejn jinsab il-ħanut. Il-ħwienet li jippartecipaw fiha jagħtu donazzjoni lill-Kunsill biex jiġu inklużi f'din il-mappa.

Il-Kunsill qabel.

vii Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex mill-konfini tar-raħal issir sistema ta' trasport għall-anzjani li twassalhom sa Raħal Ġdid. Is-Sindku kompla jispjega li d-Dipt Gvern Lokali ma sabx oġġezzjoni u TM verbalment qabel ukoll pero ser jinġiebu l-permessi u l-awtorizzazzjoni bil-miktub. Il-kunsill qabel fil-prinċipju. Trasport Anzjani

viii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand il-kunsill ta' Veliko Turnovo li magħhom il-Kunsill tagħna huwa ġġemellat. L-istedina hija biex il-Kunsill jipparteċipa f'Fiera bejn l-10 u 13 t'April. Saret diskussjoni dwar dan. Il-Kunsill qabel li minħabba prijoritajiet oħra din is-sena ma jipparteċipax għal din il-fiera. Stedina Fiera Veliko Turnovo

ix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mid-DLG irċevejna għal skema ta' xiri ta' kotba għal-librerija fergħa lokali b'għotja sa massimu ta' €600 u skema oħra dwar il-Live Streaming fejn id-DLG ser jgħati sa €1000 bħala għajnuna finanzjarja għal Live Streaming. Is-Sindku u s-Seg. Eżek. iffirmaw Memo 4 u Memo 5. Dawn ser jintbgħatu lid-DLG kif mitlub.

x Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva email mingħand il-Kap tal-iskola Primarja St Thomas Moore għal xi għajnuna finanzjara biex issir barrier fuq il-bankina u sabiex issir tinda sabiex it-tfal u l-ġenituri jkollhom fejn jiskennu. Il-Viċi Sindku qal li dawn suppost iridu jitolbu lid-Dipt tal-Edukazzjoni. Is-Seg. Eżek. spjega li minħabba li din it-tinda taqa' fil-konfini tal-iskola, tajjeb li nitolbu linji gwida lid-DLG. Ladarba jkollna l-approvazzjoni mid-DLG, għandha tinġieb stima għal din it-tinda. Sadanittant il-Kunsill qabel li l-barrier fuq il-bankina ssir .

xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-familjari tal-Kuntistabbli Mark Farrugia talbu sabiex il-bust li hemm f'dan il-Ġnien jitpoġġa f'zona iktar fil-qalba tar-raħal fejn jafuh aktar in-nies. Il-Kunsill ma qabilx ma dan iċ-ċaqliq għal fatt li l-bust tpoġġa fi Ġnien imsemmi proprju għal dan il-Kuntistabbli. Ġnien Mark Farrugia

Is-Sindku ser jinforma lill-familjari b'din id-deċiżjoni.

xiii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Franġisk minħabba problema li t-tfal li jkunu qed jilgħabu bil-ballun qed jaqbżulhom fil-btieħi biex jġibu l-blalen meta jaqalhom f'xi bitħa. Is-Sindku ssuġerixxa li nibdew niftħu l-grawn 5aside tal-Kunsill bejn is-2.00pm u s-6.00pm ta' kuljum sabiex dawn it-tfal jinġabru fil-grawnd u jilgħabu hemm u b'hekk ma jkunux t'a inkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku qal ukoll li ser ikellem lil persuna li ġieli fil-passar kienet tieħu ħsieb li tiftaħ il-grawn biex tara tistax terġa tagħmel dan b'mod volontarju. Grawnd 5 aside

Il-Kunsill qabel li jsir kif propost.

Xix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħala rimbors mill-Proġett ta' Ġnien Veliko Turnova rċevejna s-somma ta' €3878. Is-Sindku ssuġerixxa li b'din is-somma nduru s-soft area ta' Triq Kurunel Mas.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

xx Is-Sindku qal li għandna talba għal xi bozoz ġodda :-

- 2 fi Triq Wilġa;
- 1 fi Triq San Franġisk
- 1 Triq is-Sorijiet
- 1 Triq E.B. Vella

Il-Kunsill qabel li ssir t-talba lill-enemalta għal dawn il-bozoz ġodda.

xxi Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li bħala President tar-Reġjun kellu talba biex isib post sabiex tittella' attivita' organizzata mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta bi tħejjija għall-Elezzjoni tal-MEP's.

Il-Kunsill qabel unanimament li ċ-Ċentru jingħata għas-servizz tar-Reġjun biex tittella' din l-attivita'. Id-data proposta hija 25 ta' Marzu 2014 fl-10.00am.

## 6 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**